MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 523/2006/1

**David Debono**

**vs**

**Emanuel Grogan**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta` somma li ma teccedix elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin cernetzmi €2329.37 ekwivalenti ghal Lm1,000, rapprezentanti danni sofferti mill-istess attur meta l-konvenut beda jaghti fuq il-vann bin-

numru tar-registrazzjoni IMY 318 proprjeta` ta` l-attur.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tat-talba kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ssolleva illi l-konvenut ma kkaguna l-ebda hsara fil-vettura ta` l-attur kif qieghed jigi allegat fl-avviz odjern.

Sema` x-xhieda ta` Sr. Anna Maria Xerri, Nadienne Grogan, David Debono u Emanuel Grogan kif ukoll ta` l-affidavit ta` Sr. Theresa Zammit, Joseph Cassar u Stefan Agius.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal danni sofferti mill-attur meta l-konvenut allegatament ghamel hsara volontarja fuq il-vann ta` l-attur.

Mart l-attur xehdet illi hija kienet marret tistenna l-vann ta` l-iskola maz-zewg ulied taghha sabiex tal-vann jehodhom l-iskola f`San Gwann. Hija tghid illi dak inhar zewgha ma kienx mar xoghol u kien segwiha sa hdejn il-vann u kif wasal hdejn il-vann beda jghajjat max-xufier. Hija ssostni li tant bezghet illi telghet fil-vann u ma riedetx tinzel mill-vann. Kif wasslu l-iskola f`San Gwann hija u l-attur intebhu illi l-konvenut kien segwihom bil-vettura tieghu. Hija stqarret illi l-konvenut beda jsabbat u jkisser il-vann u jghajjat ma` l-attur. L-attur hareg minn gol-vann u dahal l-iskola sabiex jghajjat lill-Pulizija. Hija qalet ukoll illi l-konvenut tant kien irrabjat illi ghamel hsara lil vann billi baraxx il-vann u ta` daqqiet ta` sieq u daqqiet ta` ponn fuqu.

Ix-xhieda taz-zewg sorijiet naqset milli tippruva minn effettivament ikkawza d-danni peress illi huma kienu gewwa u ma raw xejn.

Il-konvenut xehed illi huwa u martu llum separati u fiz-zmien tal-allegat incident il-konvenut kellu suspetti illi l-mara tieghu kellha relazzjoni ma` l-attur u kien ghalhekk li segwiha sabiex jaqbadha fil-fatt. Il-vann kien iwassal lil uliedu l-iskola u dak inhar tal-vann gabarhom zewg kantunieri ‘l boghod mid-dar tieghu. Dik il-gurnata l-konvenut kien iddecieda li jsegwi lil martu bil-‘camera’ tar-ritratti. Meta l-konvenut resaq lejh, l-attur kien ha jsuq ghal fuqu u mar ghalih mit-tieqa tal-vann, dahhal idejh u tghajjarlu n-nuccali minn ma` wiccu. L-attur saq u l-konvenut iddecieda jsegwi l-vann li kellu lit-tfal tieghu kif ukoll lill-martu go fih. Huwa segwa lill-attur u martu sa San Gwann ghas-sodisfazzjon. Fil-pront kif wasal San Gwann, il-konvenut mar sabiex jiehu sodisfazzjon max-xufier u meta mar biex jiftah il-bieba tal-attur, l-attur sakkar il-bieba u hareg mill- bieba l-ohra u harab lejn l-iskola. Il-konvenut stqarr illi huwa ma kienx laqat il-vann u l-anqas ma ta` daqqiet ta` sieq jew daqqiet ta` ponn lil vann. Il-konvenut ssokta jghid illi l-attur qatt ma pprovda il-provi tal-‘finger prints’ tad-daqqiet fuq il-vann. Il-Konvenut sostna lli ghaemm huwa kien irrabjat qalli ma ssfugax ir-rabja tieghu fil-vann ta` l-attur izda baqa` jistennih johrog. Izda jghid ukoll illi huwa ma kienx prezenti meta waslet il-Pulizija.

L-attur ghazel li ma jaghtix il-verzjoni tieghu fil-kawza izda pproduca lil mart il-konvenut bhala xhud okulari tieghu kifukoll zewg sorijiet.

Is-sorijiet xehdu li effettivament huma ma raw xejn.

Iz-zewg xhieda ohra prodotti mill-attur xedhu dwar l-istima tal-hsarat.

It-Tribunal jirrileva illi trattandosi ta` zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe` ta` l-attur u l-uniku xhud prodott mill-attur li kien prezenti ghal fatti, ikollu jirreferi u joqghod fuq id-depozizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-konvenut u x-xhud prodott mill-attur u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Fiz-zmien ta` l-incident u cioe` fl-1 ta` Gunju, 2006, it-Tribunal jirrilleva li l-konvenut kien ghadu jghix ma` martu izda li prezentement huma jghixu separatament.  Jidher illi fiz-zmien ta` l-incident il-konvenut u martu kienu ghaddejjin minn perjodu imqanqal u l-konvenut kien qieghed jissuspetta l-infedelta` ta` martu max-xufier tal-vann ta` l-iskola. Di fatti dik il-gurnata l-konvenut kien segwa lill-martu li harget minn god-dar sabiex twassal lit-tfal fuq il-vann ta` l-iskola.  Dan il-vann waqaf zewg kantunieri ‘l boghod minn darhom, haga mhux tas-soltu peress illi normalment it-tfal kienu jingabru minn wara l-bieb.  Il-konvenut ammetta illi meta ra lil martu fuq il-vann huwa dahhal idejh fit-tieqa tax-xufier u tghajjarlu n-nuccali u sussegwentement segwihom bil-vettura tieghu sabiex jiehu sodisfazzjoni bir-rabja li kellu.

Il-konvenut jghid illi meta mar sabiex jiftah il-bieba ta` l-attur, l-attur, sakkar il-bieba tan-naha toeghu, hareg mill-bieba tal-passiggier u gera lejn il-kunvent tas-sorijiet fejn kienu dehlin it-tfal.  Il-konvenut baqa` jistennih izda wara xi ftit telaq.

L-uniku xhud prodott mill-attur li stqarr li ra xi haga hi mart il-konvenut.  Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jidhirlux illi hija xhud sostennibli.  Jidher illi l-attur ma gab ebda prova li l-hsarat fuq il-vann saru mill-konvenut ghajr ix-xhieda ta` Nadienne Grogan, mart il-konvenut.  It-Tribunal ra ukoll illi ma kienx hemm rapport tal-Pulizija tal-hsaratipprezentat mill-attur.  Ra d-dokumenti ta` l-istimi tal-hsarat fuq il-vettura.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi stima wahda pprezentata mill-attur hija stima li tappartjeni ghal hsarat fuq il-vann ta` l-attur li tammonta ghal Lm 82.60 ta' dak iz-zmien, 'labour' minn certu Stefan Agius li qal illi kellu jiskussa l-bieba tal-passiggier sabiex l-attur jkun jista` jahdem. Izda l-prova dokumentali hija biss stima tax-xogholijiet.

L-istima l-ohra hija datata 31 ta` Mejju, 2006 ghal 'spray' fuq Mini bus transit. La hemm in-numru tal-vettura u jidher illi din l-istima kienet saret gurnata qabel ma sar l-incident.

Id-Dokumenti pprezentati mill-attur huma zewg stimi ta` panel beating u spray painting li jammontaw ghal Lm 350 ta`dak iz-zmien stimi tal-hsarat. Effettivament jidher illi sa llum il-hsarat ma ssewwewx. Illi t-talba hija ghal danni li ma jeccedux LM1000 ta' dak iz-zmien. Dawn huma d-danni allegatamaent sofferti mill-attur. Jidher illi ma gew ipprezentati l-ebda rapporti maghmula mill-Pulizija u l-anqas ma gew prezentati ricevuti li l-hsarat issewwew. Illi anke il-kwantum mitlub mill-attur m`huwiex korrett u l-anqas qatt ma ntalbet riduzzjoni fit-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa moralment konvint Illi t-talba ta` l-attur hija wahda eccessiva peress illi l-istimi tal-hsarat prezentati jirriflettu somma ferm anqas minn dik mitluba. It-Tribunal ikkonstata lli sal-lum ghadhom ma saru ebda riparazzjonijiet fil-vann. Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-attur naqas li jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk ha jistrieh fuq il-verzjoni moghtija mill-konvenut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjez."

Appella l-attur minn din is-sentenza biex jitlob l-annullament u/jew ir-revoka taghha b'dawn il-motivi ta' aggravju:-

(1) Mhux minnu illi, kif sostenut mit-Tribunal, hu ma tax il-versjoni tieghu tal-fatti;

(2) Hekk ukoll mhux korrett dak osservat mit-Tribunal illi hu ma kienx ghamel rapport mal-Pulizija tal-hsarat subiti fil-vettura tieghu;

(3) It-Tribunal ma offra ebda ragonament il-ghala hu ddikjara li x-xhieda ta' mart il-konvenut ma kienetx sostenibbli. In aggunta jikkontendi li oltre l-versjoni ta' din ix-xhud kien hemm dik tieghu u ta' xhieda ohra dwar l-accertament tad-daqqiet mill-konvenut fuq il-van tieghu;

(4) It-Tribunal donnu ma apprezzax illi hu talab somma *da liquidarsi*. Invece, l-istess Tribunal ippretenda li hu kien messu rripara l-vann qabel ma ressaq talba ghal hlas tad-danni;

(5) Hu ma kienx qed jirreklama somma eccessiva ghad-danni reali subiti. Dippju, it-Tribunal seta' dejjem jiggwida ruhu mill-*quantum* determinat mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu fil-procediment penali;

Fil-konsiderazzjoni ta' l-ewwel motiv ta' aggravju din il-Qorti jidhrilha li, qabel kollox, ghandha tirregistra s-segwenti elementi emergenti mill-inkartament tal-process quddiem it-Tribunal:-

(1) Minn ebda verbal rikordat ma jirrizulta illi l-atturi appellanti offra d-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Tribunal;

(2) Jirrizulta invece verbal tad-9 ta' Ottubru, 2007 (fol. 46) fejn jinghad li l-kawza kienet qed tigi differita ghas-6 ta' Novembru, 2007 ghall-ahhar darba ghall-kontro-ezami ta' l-attur u ghall-kontro-ezami ta' Nadiane Grogan;

(3) Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta fl-esposizzjoni introduttiva taghha illi *inter alia* t-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ David Debono (l-attur). Eppure, imbaghad, mill-korp ta’ l-istess sentenza tirrizulta d-dikjarazzjoni tat-Tribunal illi “l-attur ghazel li ma jaghtix il-versjoni tieghu fil-kawza ...”;

Premessi dawn l-elementi, ir-rilevanza li tohrog minnhom hi dik li tezisti konfuzjoni ben markata kemm mill-kontenut tal-verbali, u aktar u aktar, mis-sentenza nnifisha. Din il-Qorti ma tixba qatt tirrepeti ill l-verbali ghandhom forza ta’ att pubbliku peress illi, kif ritenut, ir-registratur li jirredigihom ghandu funzjonijiet ta’ Nutar fl-affarijiet tal-Qorti (ara **Kollez. Vol. X Pagna 87** u **Vol. XXIX P I p 768**), u, konsegwentement, gjaladarba dawn jaghtu fidi lil dak li jkun sehh fil-kors ta’ l-udjenza, l-istess ghandhom ikunu cari u precizi. Jekk xejn, biex l-ebda parti fil-litigazzjoni ma tkun soggetta ghal xi pregudizzju, la fil-waqt ta’ l-andament tal-procediment quddiem il-qorti jew tribunal ta’ l-ewwel grad, u, wisq anqas, in sede ta’ appell fejn tintalab ir-revizjoni tas-sentenza;

Apparti l-assenza ta’ verbal li jindika li l-attur xehed, tonqos f’kull kaz mill-atti t-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu jekk, tabilhaqq, kif kontez minnu fir-rikors ta’ l-appell, huwa offra d-deposizzjoni tieghu. Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-inkompatibilita` ta’ dik id-dikjarazzjoni tat-Tribunal li l-attur ma xehedx, ma’ dik tad-dikjarazzjoni introduttiva tas-sentenza li hu sema’ x-xhieda ta’ David Debono, akkoppjat mal-verbal tad-9 ta’ Ottubru, 2007 aktar ‘il fuq espost. Evidentement, f’din il-qaghda l-Qorti ma tistax tghid x’ezattament gara hlief illi mill-interpretazzjoni ta’ l-assjem huwa indikattiv illi s-sentenza apparentement inghatat mhux fuq il-bazi tal-provi kollha li setghu tressqu. Anke jekk mhux f’kaz ghal kollox identiku, jghoddu l-kummenti tal-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha ta’ l-14 ta’ Novembru 1996 in re: “**Salvatore Caruana -vs- Carmelo Magro**”;

Konfrontata b'din is-sitwazzjoni incerta, preokkupanti bosta ghal din il-Qorti l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja tesigi mill-Qorti illi fejn jinsorgi fiha dubbju serju jekk is-sentenza ttiehdetx fuq il-bazi tal-provi kollha li tressqu, hi ghandha tipprovdi r-rimedju okkorrenti biex jigi superat il-pregudizzju derivanti lil parti sokkombenti. Dan ghamluh Qrati ohra qabilha. Ad ezempju, f'dawk il-kazijiet fejn tkun tonqos it-traskrizzjoni ta' xi xhieda. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Guzepp Cassar -vs- Pawlu Cassar**", Appell Inferjuri, 26 ta' Settembru, 1945 u "**Francis T. Gera -vs- Edward Camilleri *nomine***", Appell Inferjuri, 14 ta' Frar, 1973. Dan, maggorment, imbaghad fejn is-sentenza attakkata, bhal f'dan il-kaz, tkun bazata unikament fuq il-valutazzjoni tal-provi u fejn, aktar u aktar, il-konkluzjoni taghha tkun wahda illi l-attur "naqas li jipprova l-kaz tieghu". Sentenza bhala din hekk dikjaratament nulla lanqas ma hi salvabbli bid-dispost ta' l-Artiklu 790 tal-Kapitolu 12 ghax kif inghad fid-decizjonijiet appena citati "hawn pero` jonqos il-fondament, biex wiehed jghid hekk, fiziku ghall-applikabilita` ta' dik in-norma in kwantu jonqsu proprju l-elementi mehtiega biex jaghmluh possibbli li jigi deciz jekk is-sentenza hijiex sostanzjalment gusta b'mod li l-applikabilita` tan-norma fil-kaz prezenti tmut, biex wiehed jghid hekk, qabel ma titwieled" (**Gera -vs- Camilleri**", *ibid*);

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra sottomessi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fuq l-ewwel motiv ta' aggravju. Tannulla, konsegwentement, is-sentenza appellata u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 (4) ta' l-Att V ta' l-1995 tiddifferixxi l-kawza ghat-13 ta' Frar, 2009 ghat-trattazzjoni u decizjoni finali b'dan illi fil-frattemp qeghda tinnomina lill-Assistent Gudizzjarju Dottor Anna Caruana biex tisma x-xhieda ta' l-attur. Stante ic-cirkustanzi partikulari tal-kaz, l-ispejjez relattivi ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------